MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru. 66/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**VS**
**PAUL MICALLEF**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Paul Micallef, iben Joseph u Helen xebba Bezzina imwieled fis-7 ta’ Frar 1965 Birkirkara, residenti 8, Tornero, Triq il-Qala, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 115265(M).

Illi huwa akkuzat talli fl-14 ta’ Dicembru 2008 ghall-habta tas-01:30 hrs bhala il-persuna li f’ismu ghandu l-licenzja

tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ *Images* li jinsab gewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar:

1) Bil-hsieb li jaghmel hsara lill-PS 419 A. Buttigieg, persuna inkarigata minn servizz pubbliku akkuzah quddiem awtorita’ kompetenti cioe ma’ 2nd SM45 M. Bartolo b’reat li kien jaf li dik il-persuna hija nnocenti;

2) Bil-lejl kiser il-paci pubblika b’ghajjat u/jew glied;

3) Qal kliem oxxen fil-pubbliku;

4) Insulenta lil PS 419 u lil PC 951 persuna nkarigati skond il-Ligi, bi kliem;

5) Ma obdiex l-ordnijiet mghotija lilu minn PS 419 A. Buttigieg, persuna nkarigata skond il-Ligi;

6) Ippermetta lil Shirly Steel tpejjep gol-hanut tieghu;

7) Opera l-imsemmi hanut minghajr licenzja mill-awtorita’ kompetenti;

8) Daqq muzika minghajr licenzja mill-awtorita’ kompetenti;

9) Daqq muzika b’tali mod li tinstema minn barra wara nofs il-lejl;

10) Kiser il-kundizzjonijiet mghotija lilu skond il-licenzja ta’ l-awtorita’ kompetenti;

11) Tellef lil PS 419 ufficjal inkarigati skond is-servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu;

12) Ghamel xi haga u cioe naqas milli jqieghed gewwa gwarnic f’post fejn jidher sewwa fil-hanut kopja ta’ kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-awtorita’ kompetenti, meta din mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita’ kompetenti, meta din mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita’ kompetenti bis-sahha ta’ dik il-Ligi;

13) Ingurja u/jew hedded lil PS 419, PC 951 u lil PC 1365 persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;
Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tas-26 ta'April 2010, fejn l-Ispettur Bond irtira l-akkuzi 7 , 8, 9 u 10;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputat fuq l-akkuzi l-ohra;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat kif fuq indikata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Paul Micallef, hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt, it-tnax, u tlettax il-akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tar-raba' ,il-hames u l-hdax il-akkuza, fit-tlettax il-akkuza u wara li rat Artikoli 338(dd)(ee), 339(1)(e) , 95, 101(1)(c)

tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Avviz Legali 414 tal-2004 taht il-Kap 315 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputat Paul Micallef ihallas multa ta' mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghall rigward tas-sitt akkuza, waqt li tillibera lill-imputat Paul Micallef bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) ghal rigward tal-akkuzi l-ohra dedotti fil-konfront tieghu u dan ai tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------